MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 1068/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Eleno Cassar**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Eleno Cassar, ta' 42 sena, iben William u Rita nee' Zammit, imwieled Pieta', fit-23 ta' Jannar 1968, residenti Richmond Flt 3, Triq il-Mithna, B'Kara, u detentur tal-karta ta' l-identita 144868M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'Awwissu 2010 u fix-xhur ta' qabel fi Triq Hal-Gharghur, Birkirkara jew f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer:-

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara fil-vettura ta' l-ghamla Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzzjoni JBF638 ghad-dannu ta' Jonathan Spiteri, liema hsara tkun izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);

2. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor (Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni JBF638) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba il-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

3. Minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bghabas, nehha, biddel jew ghamel numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew ta' makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur ta' l-ghamla Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni JBF638;

4. Iggesta attivita' kummercjali li tinkludi l-bejgh jew tiswija ta' vetturi minghajr ma kien licenzjat ma' l-awtorita' kompetenti.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Ottubru 2010 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Lejn l-ahhar ta' April 2010 il-parti civili Jonathan Spiteri kien halla l-vettura tieghu tal-marka Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni JBF 638 ghand il-panel beater Eleno Cassar, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna, li gie rakkomandat lilu mill-gar tieghu, sabiex tissewwa daqqa li din il-vettura kellha fuq quddiem taghha wara li l-istess vettura kienet involuta f'incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' April 2010. Il-partijiet ftehmu bil-miktub[1] dwar it-tiswija li kellha ssir u dwar il-prezz ghall-parts, labour u spray li kellu jkun ta' €1,500 fejn thallset is-somma ta' €500 bhala deposit u hamest ijiem wara, fuq talba tal-imputat, thallset is-somma ulterjuri ta' €300. Jonathan Spiteri li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar 2011 spjega li kull darba li kien imur ghand l-imputat sabiex jistaqsi jekk ix-xoghol fuq il-vettura tieghu kienx lest dan tal-ahhar kien jitolbu aktar zmien sakemm imbaghad fl-20 ta' Awwissu 2010 Spiteri mar jaghmel rapport ghand il-Pulizija u ghalkemm ghall-ewwel l-imputat qal lil PS 1122[2] li l-vettura kienet ser tkun lesta fi ftit granet, wara gie skopert li l-imputat kien zarma u skrepja l-vettura propjeta' ta' Spiteri u ddispona mil-parts. Meta fl-ahhar ta' Awwissu 2010 l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur Elton Taliana kien mar jesegwixxi l-Mandat ta' Tfittxija fil-garaxx tal-imputat dan ghall-ewwel talbu sabiex jaghtih ftit aktar cans sabiex ilesti x-xoghol fil-vettura izda mbaghad talbu li jkellmu wahdu u spjegalu li huwa kien qatta' bicciet l-vettura in kwistjoni u ddispona mill-parts u dan mnhabba problemi finanzjarji li kellu. Dan kollu gie kkonfermat fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li tinsab inserita a fol. 10 u 11 tal-atti processwali fejn l-imputat qal

[1] Dokument inserit a fol. 34 tal-atti processwali.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar 2011.

ukoll li kien ghad ghandu l-pjanci ta’ registrazzjoni tal-vettura u fil-fatt dawn instabu aktar tard mill-Pulizija fil-garaxx tal-imputat u gew elevati minnhom. L-imputat meta gie mistoqsi jekk kienx minnu li l-parti civili kien mar diversi drabi fil-garaxx tieghu sabiex jistaqsih dwar il-vettura u sabiex jara l-istess vettura rrisponda li dan kien minnu u qal li Spiteri kien ilu ma jara l-vettura sa mill-bidu ta’ Awwissu izda qal ukoll li dan kien jaf x’qed jigri u qallu ‘ghaffeg int’.

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2012 fejn filwaqt li kkonferma li l-vettura in dizamina kienet thalliet ghandu ghat-tiswija u li kien gie miftiehem prezz ta’ €1,500 fejn thallas deposit ta’ €700 qal li wara xi zmien indunaw li anki l-gearbox u x-shaft kellhom il-hsara u sid il-vettura ddecieda li ma kienx jaqbillu jonfoq flus sabiex isewwiha u kien talbu jmur ikellmu f’bar Bugibba u ftehmu li l-vettura tigi skrepjata sabiex sidha jaghmel claim mal-insurance li l-vettura kienet insterqet. In kontro-ezami l-imputat qal li huwa ma gab ebda permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiskrepja l-vettura u l-anqas ma kellu permess sabiex jahdem ta’ panel beater.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz jirrizulta li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti kemm xejn konfliggenti fejn min-naha l-wahda l-parti civili jghid li halla l-vettura tieghu ghand l-imputat sabiex tissewwa u hallas deposit izda wara hafna zmien jigri wara l-imputat sabiex jiehu l-vettura tieghu lura skopra li dan tal-ahhar kien skrepjaha u min-naha l-ohra l-verzjoni moghtija mill-imputat li qed isostni li huwa skrepja l-vettura fuq struzzjonijiet tal-parti civili li wara li tah il-vettura ghat-tiswija nduna li kien hemm hafna hsara u kien ser jghid li l-vettura insterqitlu u jaghmel claim mal-assikurazzjoni. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili u dan mhux biss ghaliex din hija korroborata minn provi dokumentarji bhall-ircevuti tal-hlas tad-deposit u tal-ftehim bejn il-partijiet izda anki ghaliex l-imputat

naqas milli jindika il-verzjoni moghtija l-Qorti kemm meta kellem lil PS1122 meta sar ir-rapport mill-allegat vittma fejn anzi huwa qal lis-surgent li l-vettura kienet kwazi lesta u kien jonqos biss li tinghata l-polish u li kien ser jikkonsenjaha lil sidha fi kwistjoni ta' ftit granet u anki ghaliex meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija huwa ma semma xejn dwar din l-istorja tal-assikurazzjoni izda qal biss li Spiteri kien jaf x'qed jigri u qallu sabiex 'jghaffeg hu'. Il-Qorti inoltre jidrilha li jekk l-imputat ried li l-Qorti temmen il-verzjoni minnu moghtija sabiex jitqies li jirrizulta sal-grad tal-probabbli li din il-verzjoni tirrifletti dak li fil-fatt gara huwa kellu ghall-anqas igib bhala prova li Spiteri ghamel xi rapport dwar is-serq tal-vettura tieghu jew ghamel claim f'dan is-sens mal-assikurazzjoni tieghu. Mill-provi ma jirrizulta xejn minn dan u l-Qorti ma tara l-ebda raguni il-ghala m'ghandhiex temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Jonathan Spiteri u tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

L-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' hsara volontarja u approprijazzjoni indebita kif ukoll li hadem ta' panel beater minghajr id-debita licenzja u li nehha jew baghbas numru ta' chassis ta' vettura minghajr id-debita awtorizzazzjoni minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti jidrilha li dawn l-imputazzjonijiet lkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi bit-tieni(2) imputazzjoni li ghandha titqies bhala assorbita fl-ewwel(1) imputazzjoni. It-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni fil-fatt jirrizultaw ammessi mill-istess xhieda tal-imputat. L-imputat jinsab ukoll akkuzat li huwa recidiv u fil-fatt anki dan l-addebitu jirrizulta pruvat fejn is-sentenza relattiva tinsab inserita a fol. 82 et sequitur tal-atti processwali u f'liema sentenza hemm indikati il-konnotati kollha tal-imputat li jindikaw li s-sentenza inghatat fil-konfronti tal-istess imputat fil-kawza odjerna.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u kkunsidrat ukoll li huwa recidiv u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 325(1)(a), 293, 294 u 298D tal-Kodici Kriminali kif ukoll ir-Regolament 5 tal-Avviz Legali 1/2006 il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sentejn(2) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------